MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 217/2013

Il-Pulizija

vs

**Mario Agius**

iben Walter, imwieled Marsa, fit-12 ta’ April, 1954, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 342454(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Mario Agius quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u ikunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Awwissu, 2012 sa Ottubru, 2012, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jaghti lil Giovanna Antida Agius u / jew lil uliedu, is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghalija u/jew uliedu fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt kellu jhallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Mejju, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ikkundannatu xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Mario Agius fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena u okkorendo ikun il-kaz, subordinatament tirriforma s-sentenza appellata u tipprovdi ghall-piena aktar mita u idoneja.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-aggravju principali jikkonsisti fil-fatt illi li bir-rispett kollu dovut lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, il-piena erogata kienet harxa wisq, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Illi huwa minnu li l-appellant naqas milli jghaddi lil martu l-manteniment dovut, izda dan gara biss peress li kif taf hi stess, l-appellant ma jahdimx u f'dan il-mument m'ghandux mezzi finanzjarji sabiex imantni lilu nnifsu ahseb u ara lil haddiehor.

Illi l-appellant ilu hafna jipprova jsib xoghol, izda dan mhux facli minhabba l-klima ekonomika ta' bhal issa u kif ukoll peress li l-appellant qed ibati minn problemi ta' sahha li ghandu.

Illi l-appellant qieghed jaghmel minn kollox biex isib xoghol u jirrettifika s-sitwazzjoni li jinsab fiha bhalissa. Illi ghalhekk, detenzjoni f'dan il-kaz, mhux biss mhux ha ssolvi l-problema fir-rigward tal-manteniment dovut izda se mai, b'piena karcerarja fil-fedina penali tieghu, l-appellant ha jonqoslu c-cans li jsib xoghol u mhux jizdiedlu.

Illi ghaldaqstant, fl-umli fehma tal-appellant, il-piena kienet wahda eccessiva u mhux idoneja ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi mill-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju, 2014 jirrizulta li skont il-parte civile l-appellant hallas dak kollu dovut.

Illi l-appellant kien ammetta l-htija tieghu u ghalhekk kwalunkwe kumment iehor hu zejjed. Il-fatt li hu hallas dak kollu dovut ser ikollu effett fuq il-piena erogata.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tikkonferma s-sentenza appellata dwar il-htija tal-appellant. Dwar il-piena, thassar u tirrevoka l-piena ta' xahar prigunerija u minflok tilliberah taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------